VARJAZZJONI TA' ORDNI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'ordni mogħtija seduta stante fil-11 ta' April 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dottor Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.) fuq rikors ipprezentat mill-imputat Anthony Debono fit-12 ta' Jannar 2018, kumpilazzjoni numru 50/2015 fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla u Spettur Rennie Stivala)

Kontra

**Anthony Debono**, ta' 62 sena, iben il-mejjet Emanuele u Francesca née Muscat, imwieled Nadur, Ghawdex, nhar it-13 ta' Jannar, 1956 u residenti f' "Anna", Triq il-Knisja, Nadur, Għawdex, (Karta tal-Identita' numru 7856G).

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat Anthony Debono sabiex jikri t-terran bla numru uffiċċjali u bl-isem "Pauline", fi Triq Qrejten, il-Ħamrun, u sussegwentement jirċievi l-kera li tkun dovuta, b'dan illi nofs mid-dħul tal-kirja għandu jkun kolpit mill-ordni tal-iffriżar imsemmija hawn taħt.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll l-Artikolu 5(7) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta in segwitu ta' ordni ta' iffriżar datata 12 ta' Mejju 2015 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Istruttorja (Maġistrat Dott. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.) Kumpilazzjoni numru 50/2015 fil-kawża fl-ismijiet: Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla u l-Ispettur Rennie Stivala) kontra Anthony Debono, liema ordni ġiet ippubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern tat-22 ta' Mejju 2015 fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imsemmi imputat **Anthony Debono**, jew li huma proprjetà tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jew xorta oħra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex),
Illum il-11 ta' April 2018
DR MARY DEBONO BORG DIP. NOT. PUB.,LL.D.
Reġistratur Qrati u Tribunali (Għawdex)

VARIATON OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by an order giving during the sitting of the 11th April 2018 by the Court of Magistrates (Gozo) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.) following an application filed by the defendant Anthony Debono on the 12th January 2018, preliminary investigation number 20/2015 in re:

The Police
(Assistant Commissioner Ian J. Abdilla and Inspector Rennie Stivala)

Versus

**Anthony Debono**, aged 62 years, son of the late Emanuele and of Francesca née Muscat, born in Nadur, Gozo, on the 13th January, 1956 and residing at “Anna”, Triq il-Knisja, Nadur, Gozo, (Identity Card number 7856G).

The Court AUTHORIZED the defendant Anthony Debono to let the house without an official number, denominated “Pauline”, in Triq Qrejten, in Hamrun, and to subsequently receive the rent due, on condition that half the income deriving out of this rent be subject to the freezing order mentioned hereunder.

This variation is being done in terms of article 23A of the Criminal Code Chapter 9 of of the Laws of Malta and Article 5(7) of Chapter 373 of the Laws of Malta following a freezing order dated the 12th May 2015 issued by the Court of Magistrates (Gozo) as a Court of Criminal Inquiry, (Magistrate Dr Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.), Criminal Inquiry number 50/2015 in re The Police (Assistant Commissioner Ian J. Abdilla and Inspector Rennie Stivala) versus Anthony Debono, which order was published in the Government Gazette on the 22nd May 2015 wherein the Court ordered the attachment in the hands of third parties in general all monies and other movable property due or belonging to Anthony Debono, and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise disposing of any movable or immovable property.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo),
This 11th April 2018
DR MARY DEBONO BORG DIP. NOT.PUB.,LL.D.
Registrar Gozo Courts and Tribunals